# Ġużeppi Maria Caruana (1899 - 1964) Il-Pittur tal-Madonna

***Stephen Galea***

Ġużeppi twieled nhar il-Milied tas-sena 1899 fir-raħal taż-Żejtun. Missieru kien Franġisku li kien imgħallem fix-xogħol tat-tibjid, madum u kull dekorazzjoni tad-djar. Ommu kien jisimha Marjanna, xebba Bonnici.

Kellu biss erbatax-il-sena meta hu ddisinja erba' ritratti bil-lapes ta' mużiċisti kompożituri u rregalhom lill-Banda Beland. Hemm missieru kien bandist u membru fil-kumitat fl-istess każin. Kien f'dan iż-żmien li s-sinjura Ferro Attard Montaldo għarfet it-talent taż-żagħżugħ u ħeġġitu jistudja. Irranġatlu mal-pittur Lazaro Pisani biex jaċċettah bħala alliev tiegħu.

Taħt dan il-pittur, mexa ħafna 'l quddiem fid-disinn, kuluri u teknikalitajiet oħra. Hawn hu għen ħafna lis-surmast li kien fl-aqwa tiegħu f'dan iż-żmien, partikolarment fil-pittura tas-saqaf tal-knisja tan-Nadur, Għawdex.

Permezz ta' Pisani, Ġużeppi sar ammiratur tal-pittur ta' fama mondjali Tiepolo għal dak li hu disinn, u ta' Rubens, għal dak li hu kulurit, aggruppament u disinn anatomiku tal-figura umana.


Ġużeppi Maria Caruana (1899-1964)

Meta kellu għoxrin sena, Ġużeppi, tela' Ruma biex jipperfezzjona ruħu fl-Arti, avolja ġa kien għamel xogħol f'diversi knejjes u djar privati. Ġo Ruma attenda l-'Accademia di Belle Arti' u l-'British Academy'.

Meta kien ilu biss sentejn ġewwa Ruma, ħass xi inkwiet f'għajnejh u kellu jiġi lura Malta. Meta kien għadu żgħir, darba waħda waqt li kien qiegħed jilgħab ma' xi tfal sħabu, wieħed minnhom waddab ġebla u laqtu f'għajnejh ix-xellugija. Dakinhar, ma kien deher xejn gravi, iżda meta kiber, il-ħsara tfaċċat. Forsi kien ukoll għax kien jisforza għajnejh iżżejjed fl-istudju. Dan wassal biex żviluppatlu kataretta, u għalkemm għamel l-operazzjoni, din ma rnexxietx u biż-żmien tilef id-dawl minn għajn waħda. Id-difett tal-vista nżamm sigriet għax ħadd ma kien jimpjegah meta jsiru jafu li ma kellux dawl f'għajn waħda. Għalhekk wieħed jintebaħ kemm kienu kbar is-suċċessi tiegħu.

Fis-sena 1946, iżżewweġ lil Olimpja Caruana, iżda ma kellhomx tfal.

Huwa ħadem diversi pitturi u kwadri fil-knejjes tagħna, fosthom iż-Żejtun, raħal twelidu, Marsaxlokk, l-Istitut ta' Ġesu' Nazzarenu, u xogħol ta' kwadri kbar fis-santwarju tal-Grazzja Ħaż-Żabbar. Għamel ukoll sitt kupletti fis-Siġġiewi li jgħoddu mat-tnejn u sebgħin biċċa xogħol.

*Ikompli f'paġna 147*



Fil-Fgura, għall-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, għamel żewġ kwadri kbar li kienu fil-knisja l-qadima, kompluti b'artali. Wieħed kien ta' Santa Tereża, li ħallsu għalih Toni u Maria Cumbo, u l-ieħor jirrappreżenta l-mewt tal-patrijarka San Ġużepp u li kien imħallas minn Anġlu u Marianna Camilleri, l-istess nies li taw l-art fejn inbniet il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura. Dawn inħadmu fl-1951. Illum dawn il-kwadri jinsabu fil-kunvent tal-patrijiet Karmelitani tal-Fgura.

Xogħol ieħor għamlu fil-Munxar (Għawdex) fejn għamel żewġ kwadri ta' San Mikiel u l-Madonna tal-Karmnu. Għall-parroċċa ta' Ħal Għaxaq għamel erba' kwadri li jirrappreżentaw episodji mill-ħajja ta' ommna Marija Santissima. Fin-Naxxar ħadem żewġ kwadri laterali tal-kor u l-kopplina tal-kappella tad-Duluri li Caruana kien isejjaħ 'il-mimmi ta' għajnejja'. Barra minn Malta għandu xogħol ieħor; ġo l-Amerika, fl-Ingilterra u ġewwa l-Irlanda.

Kif qegħdin taraw, lil Ġużeppi M. Caruana bir-raġun kienu jsejħulu 'Il-Pittur tal-Madonna'. Dan mhux għax biss insibu aktar minn 50 kwadru tiegħu li jirrappreżentaw lill-Madonna u għax għamel xogħlijiet fi knejjes parrokkjali ddedikati lil ommna Maria Santissima, iżda għax kellu devozzjoni kbira lejha u kien jgħid li jħoss ħafna sodisfazzjon meta jpinġi lilha.

Meta kien marid u kien wasal fit-tarf ta' ħajtu, darba waħda qal lil oħtu 'Oħt, illum rajt 'il-Madonna'. Oħtu staqsietu, 'Ġuż, kienet sabiħa xejn bħalma tpenġiha int?'. 'Oh, oħt!' weġibha, 'kienet wisq aktar sabiħa!'

Ġużeppi Maria Caruana miet għall-ħabta ta' nofsinhar tal-erbatax ta' April tal-1964 fid-dar t'oħtu, 33, Pjazza Girgor Bonnici, iż-Żejtun. Wara li saritlu quddiesa bir-rit funebri ġewwa l-Parroċċa ta' Santa Katerina ż-Żejtun, ġie midfun fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju ta' San Girgor taż-Żejtun.

Is-sena d-dieħla 2014, infakkru l-50 sena minn mewtu u b'hekk tajna ftit tagħrif fuq dan il-pittur kbir imsejjaħ tal-Madonna Ġużeppi M. Caruana, li b'xorti tajba dan ir-raħal tagħna tal-Fgura għandna żewġ kwadri xogħol tiegħu. Dan huwa wirt li qegħdin ingawduh aħna w 'il quddiem ngħadduh lil uliedna.